**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 01/11 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 |
| **Data** | 17/02/2011 fis-6.00pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |

| | | |
|---|---|---|
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Assenti minħabba raġunijiet ta' xogħol |
| | Darmanin Richard | Preżenti |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti mis 7.30 |
| | Seychell Anthony | Prezenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Assenti minħabba raġunijiet ta' xogħol |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **01.** | **1.** | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 1. | 1 | | Proponent:<br>Sekondant: | **Il-Minuti 15/10 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | | | | Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi irringrazzja lill dawk kollha preżenti filwaqt li laqa' lis-Sur Richard Darmanin wara li kien rikoverat fl-isptar Mater Dei fil-gimgħat li għaddew. Is-Sindku esprima wkoll is-sogħba tiegħu għat telfa tas-Sinjura Doris Brincat, membru fis-sotto kumitat Komunita' u Familja għal bosta snin u talab lill-Kunsill sabiex jagħmel minuta silenzju f'gieħ is-Sinjura Brincat. | | |
| | | | 15.9.20 | Tidhol il-kema 'Frisk' wara il-kelma ħalib. | | |
| 01. | 1. | 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |
| **01.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 2. | 1 | 15.2.3 | Fenech : Tpengija mal-ħajt tal-'Pump Room' | Fenech infurmat lill-Kunsill li sa issa għadha ma rciviet l-ebda risposta mingħand l-MCAST , għaldaqstant jekk is-sitwazzjoni tibqa hekk ser isir tentattiv biex it-tpenġija ssir miz-zgħazagħ Żwieten. | Fenech |
| 01. | 2. | 2 | 15.2.2 | Fenech : Skema FES | Fenech staqsiet jekk kienx hemm xi risposta fuq dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv. | Segretarjat |
| 01. | 2. | 3 | 15.2.16 | Fenech - Water Balloon Fight | Fenech infurmat lill-Kunsill li din l-attivita ma saritx minħabba it-temp kiesaħ f' Dicembru, għaldaqstant L-attivita ser issir fix-xhur tas-sajf xorta b'risq il-Community Chest fund. | Fenech |
| 01. | 2. | 4 | 15.9.18 | Seychell : Sprall Mizdud | Seychell staqsa jekk l-isprall miżdud fi Pjazza Girgor Boniċi infetahx. Is-Sindku irrisponda li ser jindaga dwar dan. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2. | 5 | | 15.2.1 | Viċi-Sindku - Community Worker | Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill għandux il-ħsieb li jerġa jidħol għas servizz tal-Communtiy Worker. Is-Sindku irrakkomanda sabiex issir premura biex is-supervizzjoni li suppost issir minn naha tad-Dipartiment issir kif suppost u kif kien mifthiem fil-bidu ta' l-iskema | Vici-Sindku / Sindku |
| 01. | 2. | 6 | | 15.2.4 | Vici-Sindku - Ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena | Is-Sindku informa l-Kunsill li tkellem ma' l-Arċipriet fuq dan ir-rigward riċentament. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jikteb lill-Arċipriet dwar dan. | Segretarjat |
| 01. | 2. | 7 | | 15.2.15 | Vici-Sindku - Żjara mill-President fl-Iskejjel | Is-Sindku informa l-Kunsill li din iz-żjara kienet success, fejn l-organizzazzjoni mill-kapijiet ta' l-iskejjel kienet tajba ferm. Għal din iż-żjara attendew is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur C.Camilleri ma attendiex minħabba raġunijiet ta' xogħol. | |
| 01. | 2. | 8 | | 15.9.4 | Vici-Sindku - Impjegati Muscat u Spiteri | Il-Vici- Sindku staqsiet l-andament ta' dawn iz-zewġt impjegati fid-dawl tal-grad il-ġdid tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għalkemm għadhom ma assumewx ir-responsabbiltajiet kollha ġodda tagħhom, l-impjegati sa issa jidhru motivati u kuntent bl-inizjattivi li qiegħdin jieħdu . | Segretarjat |
| 01. | 2. | 9 | | 15.9.5 | Sindku - Joseph Spagnol : Eks impjegat ta' l-IPSL | Is-Sinkdu informa l-Kunsill li is-Sur Spagnol ingħaqad mal Kunsill fl-1 ta' Frar 2011 u spjega kif permezz ta' dan l-ingaġġ parti mir ritmu tax-xogħol reġa' lura ghan normal. Il-ħinijiet tx-xogħol ta' Spagnol huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is- 7.30am u 12:30 pm u kif approvat jitħallas bis-siegħa siegħa. | Sindku |
| 01. | 2. | 10 | | 15.9.11 | Vici-Sindku - Attivitajiet tal-Milied | Il-Vici-Sindku spjegat kif l-attivitajiet tal-Milied saru kif previst b'rizultat pożittiv. B'rabta ma l-attivitajiet li jiġu organizzati kontinwament, il-Vici-Sindku talbet sabiex jiżdiedu l-imwejjed kif ukoll id-dawl fiċ-Ċentru Arti u Artiġġjanat. Is-Sindku informa li ser jara xi spejjez hemm għal dan ix-xogħol. | Sindku |
| 01. | 2. | 11 | | 15.2.7 | Sindku - Zona ta' Strejnu | Is-Sindku spjega kif il-pjan hu li jsir tisbiħ f'din iz-Zona, fejn il-Perit Chris Cachia li għandu nteress fiz-zona ħejja pjanti għal dan ix-xogħol mingħajr ħlas. Is-Sindku informa l-Kunsill ukoll li kiteb ittra lid-Dipartiment ta' l-artijiet biex isir 'Management Agreement' sabiex ikunu nistgħu napplikaw għal skemi li joħroġ il-Gal Xlokk. | |
| 01. | 2. | 11 | i | | Sindku - Skemi ta' Awtorita tad-Djar | Is-Sindku spjega kif giet sottomessa l-applikazzjoni għat-tiġdid ta' l-inħawi ta' Ħal-Tmiem, fejn ġie propost pjan kif ukoll stima ta' l-ispejjeż. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Is-Sindku spjega wkoll dwar l-iskema l-oħra msejħa ' Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal Gvern 2011-2016" , li ħarġet l-awtorita tad-djar li tikkonċerna il-komun tal-binjiet. Il-Kunsill Lokali Zejtun intgħazel permezz tas-sittax il-blokka ta' Ħal Tmiem. Is-Sindku spjega li ser ningħataw fondi ta' Euro 5000 għal kull binja, li permezz tagħhom irid jiġi mqabbad perit u jsir ix-xogħol. Kif dan ix-xogħol ikun lest u jitneħħew l-irregolaritajiet kollha, kull blokk irid jagħmel kumitat amministrattiv sabiex tinzamm l-ordni neċessarja. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju izda rridu niċċaraw x'responsabbilta' ser jgħaddi f'idejn l-inkwilini u xi pjanijiet hemm dwar il-kirjiet. | |
| **01.** | **3.** | | | | **Korrispondenza** | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/11. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 3. | 1 | | | MEPA: PA 0508/10 | Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru ta' l-inħawi peress li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core. | Sindku |
| 01. | 3. | 2 | | | Memo 148/2010- Tibdil fl-Onororarja tas-Sindku | Is-Sindku qara Memo 148/2010 li tirrigwarda it-tibdil fl-Onorarja tas-Sindki u l-Presidenti Regjonali. Is-Sindku spjega li huwa staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv minn fejn ser iħallas din iż-żieda billi l-allokazzjoni finanzjarja għas sena 2011 tnaqqset bi tlett elef Ewro. Is-Segretarju wieġeb li l-'Payroll' u l-ispejjez ta' l-amministrazzjoni kienu qed jaqbżu l-allokazzjoni għal dawn iz-zewġ 'items' u għalhekk iz-żieda trid tittiehed minn fondi allokati għal affarijiet oħra. Minħabba f'hekk is-Sindku qal lis-Segretarju li minkejja l-ordni fil Memo 03/2010 li stabbiliet li l-pagi u l-onororaja ma jinħtiegux l-approvazzjoni tal-Kunsill, xorta waħda iż-żieda fl-onorarja tas-Sinkdu trid l-approvazzjoni tal-Kunsill għax ser titnaqqas minn fondi li m'għandhomx x'jaqsmu ma l-onorarja. Bħala Sindku , fil-prinċipju kien kontra li l-Kunsill japprova din iż-żieda, sakemm ma tiġix riflessa b'żieda fl-allokazzjoni. | Segretarjat |
| | | | | | | Billi il-proċess dwar iż-żieda fl-onororarja tal-Membri Parlamentari kellu jitwaqqaf, is-Sindku għamel riferezna ghal Memo 7 / 2011 fejn ġejna nfurmati li ir-reviżjoni fl-Onorarja tal-membri Parlamentari ġiet sospiza u fejn għaldaqstant l-Onorarja ghandha terga tkun abbazi ta' Memo 3/2010. | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 3. | 3 | | | Martin Bugelli - Allokazzjoni Finanzjarja 2011 | Is-Sindku informa l-Kunsill bl-allokkazzjoni finanzjara għas-sena 2011 li tammonta għal Euro 721, 318. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li għalkhemm l-ispejjez Amministrattivi u ta' l-operat dejjem jizdiedu, din l-allokazzjoni fiha tnaqqis ta Euro 3000 fuq is-sena preċedenti. | Segretarjat |
| 01. | 3. | 4 | | | Martin Bugelli - Memo 150/2010 | Is-Sindku qara Memo 150/2010, fejn fiha is-Sur Martin Bugelli ta instruzzjonijiet ghall l-għeluq tas-Sena Finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sar kollox kif indikat. | Segretarjat |
| 01. | 3. | 5 | | | James Catania - Memo 151 / 2010 | Is-Sindku qara korrispondenza mingħand is-Sur James Catania, li tinforma l-Kunsill li b'referenza għal- performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv, għandu jimtela l-appraisal report rispettivament skond l-A.L. 127 tal-1998. | Segretarjat |
| 01. | 3. | 6 | | | Martin Bugelli - Emenda ghal Memo 8/2010 | Permezz ta din il-Memo il-Kunsill gie notifikat li l-ikliet u riċevimenti m'għadhomx marbutin aktar ma jum il-Lokal kif fil-fatt kien talab il-Kunsill Lokali taż-Żejtun u li l-sipiza ma tridx taqbeż l-ammont ta Euro 3500 jew 0.5% ta' l-allokazzjoni. F'din l-emeda gie rivedut ukoll l-ammont li jista jintenfaq f'ikliet u festini tal-Milied, fejn l-ispiza m'ghandiex tkun aktar minn Euro 30 ghal ikliet u Euro 15 għal riċevimenti. | Segretarjat |
| 01. | 3. | 7 | | | Memo 2/2011 - Proċess ta' Digital Switchover | Permezz ta' dan id-dokument il-Kunsill gie nfurmat li ser isir process biex tinqaleb is-sistema tal-Free to Air Maltese TV Channels minn dik konvenzjonali bl-aerial fuq il-bjut għal waħda digitali. Il-Kunsill intalab sabiex jikkopera f'dan il-proċess. | Viċi-Sindku |
| 01. | 3. | 8 | | | Memo 5 / 2011 - Is-Sur Carmel Abela | Is-Sur Carmel Abela, Direttur ġdid ghall-Gvern Lokali, introduċa ruħu permezz ta' din il-korrispondenza. F'din il Memo wera ix-xewqa li jiltaqa ma kull Kunsill Lokali u awgura ħidma sfiqa lill kull min hu nvolut. | |
| 01. | 3. | 9 | | | Memo 6 / 2011 - Martin Bugelli | Permezz ta' din il-korrispondenza is-Sur M. Bugelli informa l-Kunsill sabiex fl-attivitajiet Kultrali parzjalment finanzjati mill-iskema dwar Inizjattivi fil-Lokalitajiet, izomm mad-dettalji kollha mgħoddija fl-applikazzjoni u li l Bord ta' l-evalwazzjoni mhux ser jilqa l-ebda talba għal tibdil minn dak li hu diġa aċċettat u maqbul. | |
| 01. | 3. | 10 | | | Memo 9 / 2011 - Librerija Lokali | B'din il-Memo il-Kunsill ġie nfurmat li ser jingħata għajnuna finanzjara għal l-operat tal-librerija Lokali. L-ammont li ser ninghataw bħal snin oħrajn ser ikun dak ta' Euro 466. | |
| | | | | | | | |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 4. | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 01/11 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 3 | | Talbiet għal Xiri 01/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 4 | | Petty Cash - Novembru 2010 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Novembru 2010 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €110.21.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 5 | | Petty Cash - Diċembru 2010 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Diċembru 2010 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €100.06.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 6 | | Petty Cash - Jannar 2011 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Jannar 2011 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €58.01.** | Segretarjat |
| | | | | | | |
| 01. | 5. | | | **Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart (Żona B)** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | | **Inkarigat** |
| 01. | 5. | 1 | | Sindku - Ittra mingħand il-Clean Away | Is-Sindku informa l-Kunsill li illum stess waslet ittra mingħand il-kumpanija Clean Away Services Ltd, fejn infurmat lill Kunsill li qed toffri is-servizz għal ġbir ta' l-iskart f'Zona B fiz-Zejtun permezz tal-Bins on Wheels għal prezz ta' Euro 1.551 (eskluza l-VAT) għal kull Bin, liema prezz hu dak li bih din il-kumpanija ilha toffri dan is-servizz fiz-Zejtun għal dawn l-aħħar snin. Is-Sindku qal li peress dan il-prezz huwa differenti minn dak li intefa' fl-offerta tat-Tender, talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkonferma mad-dipartiment jekk dan il-prezz jistax jiġi ikkunsidrat. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li f'diskursata li kellu mas-Sur Silvio Frendo, gie kkonfermat li din l-ittra ma tistax tiġi kunsidrata peress li l-proceduri tat-Tendering huma ċari li dan mhux permess . Il-Kunsill qabel nem.con sabiex nistennew l-ittra li tikkonferma dan bil-miktub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Waqt din il-parti tal-laqgħa il-Kunsillier is-Sur R. Darmanin qam minn mal-mejda minħabba konflitt ta' nteress. | Segretarjat |
| | | | | | | |
| 01. | 6. | | | **Ħsara tal-ħajt fi Ġnien San Ġirgor** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 6. | 1 | | | | Sindku | Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li sa issa l-ebda kumpanija ta' assigurazzjoni għadha ma assumiet ir-responsabbilta' ta dan l-inċident. Is-Sindku talab sabiex nibqgħu insegwu l-kas. | Segretarjat |
| | | | | | | | | |
| **01.** | **7.** | | | | | **Membership Gal Xlokk** | | |
| **Riferenza** | | | | | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 7. | | | | | Sindku - Gal Xlokk | Is-Sindku informa l-Kunsill bil-komunikkazzjoni tal-Gal Xlokk, fejn kull Kunsill intalab sabiex joħrog somma ta' Euro 200 kull sena għal kull kunsillier relatata man-numru ta' Kunsilliera sabiex ikun iggenerat kapital bizzejjed biex il-Gal Xlokk ikun jista joħrog ko-finanzjament ghal progetti li jkunu jistghu jibbenefikaw minnhom il-lokalitajiet membri fil-Gal Xlokk Stess. Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jghaddi is-somma ta' Euro 9000 lill-Gal Xlokk. | Sindku / Segretarjat |
| | | | | | | | | |
| **01.** | **8.** | | | | | **Performance Bonus ta' l-Impjegati** | | |
| **Riferenza** | | | | | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
| 01. | 8. | 1 | | | | Sindku -Performance Bonus ta'l-impjegati. | Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-performance ta' l-impjegati klerikali. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li fis-sena 2010 ir-rata ta' xogħol kienet waħda sodisfacenti ferm. Il-Kunsill għaldaqstant iddeċieda sabiex jagħti l-performance bonus lill impjegati bl-għola rata possibbli stabbilita, inkluż lis-Segretarju Eżekuttiv. F'isem l-impegati kollha, is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja l-membri kollha tal-Kunsill. | Segretarjat |
| | | | | | | | | |
| **01.** | **9.** | | | | | **Kwotazzjonijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | | **Inkarigat** |
| 01. | 9. | 1 | | | | Reception Desk | Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta fuq il-mejda tal-Kunsill id-dokumenti li daħlu mis-sejħa ta' l-offerta ghax-xiri tal-bank ta' l-Ufficju tal-'Customer Care'. Il-Kunsilliera evalwaw it-Tenders iżda ma ntlahqet l-ebda deċiżjoni. Il Bord ta' l-aġġudikazzjoni ser jerġa jiltaqa fil-jiem li ġejjin sabiex ikompli jevalwa aktar fid-dettall. Waqt din il-parti tal-laqgħa is-Sindku qam minn mal-mejda minħabba konflitt ta' nteress fit-Tender ta' L.A. Camilleri. | Hales/ Piscopo / Vici-Sindku / Segretarjat |
| 01. | 9. | 2 | | | | Photocopier | Il-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta il-kwotazzjonijiet ghal xiri / leasing ta Photocopier, fejn gie deċiż li nieħdu b"lease' l-offerta ta' L-Avantech. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarjat |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 9. | 3 | | | Air-Curtain / Air- Conditionier | Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-kwotazzjonjiet ghax xiri ta' Air-Curtian u Airconditioner, fejn gie deciz sabiex jinxtraw it-tnejn li huma mingħand is-CAS. Il-Kunsill qabel nem.con. | Segretarjat |
| | | | | | | | |
| **01.** | **10.** | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 10. | 1 | | | Sindku - Triq Habel ix-Xgħir | **Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex Triq Habel ix-Xghir issir No Entry minn naħa ta' wara l-Knisja Parrokjali. Il-Kunsill qabel nem.con.Dwar dan ser nitolbu l-approvazzjoni tat - TM.** | |
| **01.** | **11.** | | | | **Rapporti Finanzjarji** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | | **Inkarigat** |
| **1** | **11** | **1** | | | Segretarju Ezekuttiv / Lawrence Cauci ( Accountant) | Is-Sur L. Cauchiu S-Segretarju Ezekuttiv ippreżentaw ir-rapport finanzjarju ghas sena 2010, fejn ingħata rapport dettaljat ta' l-operat tal-Kunsill u l-pożizzjoni finanzjarja tieghu. Id-Dokument ġie approvatu ffirmat mis-Sindku u mis Segretarju Eżekuttiv. | **Sindku / Segretarjat** |
| | | | | | Segretarju Eżekuttiv - Quaterly Report | Is-Segretarju Ezekuttiv preżenta wkoll ir-rapport finanzjarju ghall perjodu Ottubru - Diċembru 2010, liema perjodu ingħalaq b'bilanċ pożittiv ta' Euro 2368. Ir-rapport ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. | **Sindku / Segretarjat** |
| | | | | | | | |
| **01.** | **12.** | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 12. | 1 | | | Fenech - Aerobics | Fenech infurmat il-Kunsill li ser jerggħu jibdew is-sezzjonijiet ta' l-Aerobics mingħajr ħlas. Dawn is-sezzjonijiet ser jibdew isiru kull nhar ta' Tnejn filgħaxija. | Fenech |
| 01. | 12. | 2 | | | Fenech - Progett ta' l-isports | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-progett ta' l-isports li gie sottomess ser ikun inkorporat ma' Jum iz-Zejtun | Fenech |
| 01. | 12. | 3 | | | T. Seychell - Kuncert tal-Milied | Is-Sur Seychell infurma lill-Kunsill li l-Kuncert tal-Milied li sar fl-2010 kien success ferm b'attendenza numeruża. Għas-sena 2011, is-Sur Seychell ippropona li l-kunċert issir mill grupp EnKor, ghall prezz ta' Euro 550. nhar il-Ħamis 29 ta' Diċembru. | Seychell |
| 01. | 12. | 4 | | | T. Seychell - Konkors Letterarju. | Is-Sur Seychell irrapporta li ghall konkors letterarju daħlu b'kollox 11 il-kitba. Is-Sindku feraħ lis-Sur Seychell ghan numru sabiħ ta' kitbiet sottomessi. | Seychell |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 12. | 5 | | | Seychell - Bozza ġdida fi Triq tal - Palazzi | Is-Sur Seychell talab sabiex issir bozza ġdida fi Triq tal-Palazzi. Is-Sindku talab sabiex issir applikazzjoni ma' l-Enemalta għal dan ix-xogħol. | Segretarjat |
| 01. | 12. | 06. | | | Vici-Sindku - Sleeping Police fi triq il-Madonna tal-Hniena | Il-viċi Sindku fakkret il-Kunsill sabiex kif kien propost f'laqghat preċedenti l-'Sleeping Police' li hemm fi Triq il-Madonna tal-Ħniena tigi mċaqalqa aktar 'l fuq. | Darmanin |
| 01. | 12. | 07. | | | Vici-Sindku - Zebgħa hdejn l-isleeping Policeman f'Gebel San Martin | Il-Vici Sindku talbet sabiex issir żebgħa biswit l-Isleeping Policeman ta' Ġebel San Martin peress li ħafna drabi is-sewwieqa mhux qieghdin jindunaw bihom. | Darmanin |
| 01. | 12. | 08. | | | Vici-Sindku | Il-Viċi-Sindku infurmat il-Kunsill dwar il-kors ghall l-adulti li qieghed jigi organizzati u ssusidjat mit-TCTC. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jilqa l-applikazzjonijiet ghal dan il-kors kif ukoll joffri s-sala tal-Kunsill sabiex issir il-laqgha introduttorja fil-bidu tal-kors. | Camilleri |
| 01. | 12. | 09. | | | Vici-Sindku - Kawża fil-Qorti | Il-Viċi-Sindku infurmat il-Kunsill li il-kawza li infetħet mid-Dipartiment tal-Vat kontriha u kontra rappreżentanti tal-Knisjá minħabba nuqqas t' irċevuti tal-VAT għal bejħ ta' oġġetti f'Zejt iz-Zejtun, inqgħatat b'multa ta' Euro 700 kull persuna. Il-Viċi Sindku infurmat il-Kunsill li din il-kawza ser tigi appellata. | Viċi-Sindku |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| Is-Sindku għalaq il-laqgħa fil- 1100pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 10 ta' Marzu fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm. | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| Joe Attard | | | | | | Anton Falzon | |
| Sindku | | | | | | Segretarju Eżekuttiv | |